III.
## LIL NAPULJUN

Ma nafx ingħid xi nħoss ġo qalbi jiena,
Kull meta medhi nkun nixtarr ġrajjietek,
Napuljun; għax xi swew il-ħila u l-ħjiena
T'għerfek, fil-mixja qsajra ta' ħajjetek?

Għalkemm mhux darba rbaħt taqbid bla ħniena,
U ġegħ'lt lill-għadu joqgħod għal talbietek;
Kellek tara t-tmiem tiegħek f'Santa Liena,
Mibgħud u mnażża' għal kollox minn qawwietek.

Int tlift, għax ridt tgħix dejjem ta' setgħani
U m'għaraftx tħabbeb miegħek lill-egħdewwa:
Sraqt ġidhom w arthom: ma kont qatt xebgħani.

Illum ukoll qed ngħaddu minn did-dnewwa;
'Ma ż-żmien ma jdumx ma jarġa' jfeġġ daħkani:
Ma ssaltan qatt il-qawwa fuq is-sewwa.

---

## IL-KUNSILL ĊENTRALI TAL-MALTI

Il-Kunsill Ċentrali tal-Malti, imwaqqaf biex iħares u jmexxi 'l quddiem l-ilsien, il-letteratura u l-kultura Maltija, ġie msawwar hekk :—

**President Onor.** : Ġużè Galea, M.D., D.P.H.

**Segretarju Onor.** : Ġużè Chetcuti.

Dawn li ġejjin huma r-rappreżentanti magħżulin mill-Għaqdiet u x-Xirkiet tal-Malti ta' Malta u ta' l-Eġittu :—

Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) ; Marju Agius ; Anton Agius Ferrante ; Ġann. Attard ; Ġeraldu Azzopardi ; Ġużè Azzopardi Debono ; Patri Wistin Born, O.P. ; Ġużè Camilleri ; Ġann. Cardona ; Ġużè Cassar Pullicino ; Brother Amedy Charles ; Ġorġ Chetcuti ; Pawlu Portelli, Ph.C. ; Patri Pawl Tabone, O.F.M., J.Can., Th.M.Lect.Glis. ; Ant. Xiberras ; Patri Leonard Zammit, O.F.M. ; Godfrey Zarb Adami.



NOVELLA

# "BIANCA"

*Ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

KIENET ilha iktar minn siegħa x-xita nieżla bil-qliel. U l-wied għadda minn ġot-triqat, faru l-egħlieqi u waqgħu xi ħitan tas-sejjieħ. Fit-toroq ħadd : kull tant tilmaħ xi karrettun mal-ħajt, bil-bagħal mgħobbi bl-ixkejjer u sidu jistkenn taħt xi bieb—dan biss ! Mill-bqija xejn !... Imma b'daqshekk mhux sejjer Ninu jaqta' qalbu u ma jmurx sal-wied. Ħalli tisħa ftit ix-xita ! Imbagħad ixidd il-"boots", jitfa' inċirata fuqu u kappell qadim f'rasu, u jitlaq għall-wied, waħdu. Kull meta t-temp jagħmel hekk kien jagħmilha dil-biċċa, irid u ma jridx. Kien iħoss xi ħaġa li ġġagħlu jitlaq jimxi 'l dik in-naħa—donnu mat-tqattir ta' l-ilma u t-tvenvin tar-riħ ikun qed jisma' l-leħen ta' xi ħadd isejjaħlu lejn dak il-wied, mimli bit-tifkiriet koroh u sbieħ ta' l-imgħoddi......

Did-darba Ninu għamel bħas-soltu u telaq jimxi. L-egħlieqi baħħ ! il-bdiewa kollha kienu daħlu jistkennu ġo xi dwejra jew f'xi girna—u fuq l-oqsma kien infirex bħal star ta' skiet u ta' waħx li jqanqal fil-qlub elf mistoqsija u jreġġa' fil-moħħ it-tifkira ta' kemm-il ġrajja... Hekk, sektin, dehru dawk l-istess egħlieqi lil misserijietna, u lil misserijiet misserijietna, mijiet ta' snin ilu. Il-ħbieb tagħhom baqgħu biss ix-xemx, u x-xita, u r-riħ, li kienu twieldu magħhom, igħoddu fiż-żmien daqshom u bħalhom ma jitbiddlu qatt.. Imma l-bniedem igħix għal ftit, u jmut, u jerġa' jgħix f'ta' warajh—u b'danakollu jispiċċa malajr wisq ! Dak ma għandux jitqies magħhom, ma' l-egħlieqi qodma qabel kull bniedem... Kien jafhom Ninu dawk l-inħawi—kien ġera fihom meta kien għadu żgħir, ġriehom xiber b'xiber, u kien tant dara b'dawk id-dehriet, hekk daħlet fih ir-riħa tal-ħxejjex, tas-siġar u tal-ħamrija, u l-ħoss ta' l-ilma nieżel fix-xitwa fuq il-blat, li saru biċċa minnu stess !... U meta kiber baqa' jħossha wkoll din is-sejħa ta' l-egħlieqi, u kien jintilef filħolm ħelu ta' l-imgħoddi kull meta jinżel sal-wied !... Imma issa kollox inbidel, u s-seħer ta' dawk l-inħawi kien inkiser mit-tifkira ta' tfajla sabiħa jisimha Bianca !...

Bianca ! Kemm kien ħassu ħelu fil-widna dan l-isem l-ewwel